Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 184/2014

Il-Pulizija

Vs

Roger Degiorgio

Matthew Degiorgio

Illum is-16 ta' Jannar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati Roger u Matthew Degiorgio detenturi tal-karta tal-identita Maltija rispettivament bin-numri 403752(M) u 15583(G) , akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer nhar it-23 ta' Gunju 2013 bejn is-siegha (01:00hrs) u l-erbgha (04:00hrs) ta' fil-ghodu bhala *licensee* u *substitute* rispettivament tal-istabbiliment Gianpula u kif ukoll bhala Diretturi, Managers, Segretarji jew ufficjali ohra simili tas-socjeta Elvaston Company Limited bin-numru ta' registrazzjoni C4458 jew bhala dawk li kienu qed jidhru li agixxew f'dik il-kariga ma ezercitawx id-diligenza kollha xierqa biex jevitaw ghemil ta' reat u cioe' talli:

1. Ippermetta u/jew daqqew u/jew gieghlu jew hallew lil min ihaddem amplifikatur jew strument bhal dawn, ghamlu jew inkella gieghlu jew hallew li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqghodu fil-qrib u cioe' lil Patrick Pollacco fost ohrajn;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kisru jew ippermettew li jinkiser il-mistrieh tan-nies bil-lejl bi hsejjes jew b'mod iehor;
3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi daqqew jew ippermettew li tindaqq muzika amplifikata fil-post kummercjali bl-isem ta' Marrakech li huwa formanti mill-istabbiliment Gianpula b'mod li kienet tinstema' minn barra l-post u b'hekk ikkagunaw sikkatura u disturb lil terzi;
4. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kisru xi disposizzjoniji tal-Att dwar il-Licenzji tal-Kummerc jew ta' regolamenti maghmulin tahtu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-10 ta' April 2014, fejn il-Qorti illiberat lill-appellati mill-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-02 ta' Mejju, 2014, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tghaddi biex issib lil Dr. Roger De Giorgio u Matthew De Giorgio hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom skont il-ligi u tinfliggi fuqhom dik il-piena skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu f' li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt legalment u ragjonevolment tillibera lill-appellati a bazi tal-fatti illi l-prosekuzzjoni tellghet xhud wiehed pajzan sabiex jixhed dwar l-inkonvenjent ikkawzat bil-muzika amplifikata u dana galadarba ai termini tal-artikolu 638 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta xhud wiehed jekk jitwemmen huwa bizzejjed ai fini ta' sejbien ta' htija.

- L-Ewwel Akkuza

Illi fil-fatt, kuntrarjament ghal dak li qalet il-Qorti tal-Magistrati, cioe "illi din il-Qorti
mhix qed tippretendi li l-Pulizija tressaq mitt ruh il-Qorti pero' zgur li setghat tressaq

nies li joqghodu aktar fil-qrib minn Had-Dingli. Bizzejjed jinghad li bejn Gianpula u Had Dingli hemm irhula ohra. Ghalhekk **abbazi ta' din ix-xhieda biss** din il-Qorti ma tistax issib lill-imputati hatja ta' din l-akkuza." (enfasi u sottolinear tal-esponent)

Illi l-esponent huwa tal-fehma li dawn il-kunsiderazzjonijiet huma kemmxejn zbaljati u dan minhabba l-fatt li wiehed ma jistax jaqta' u jiddeciedi mhux a bazi dak li tirrikjedi minnu l-ligi, u dan johrog mill-artikolu 638 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jghid:

> "B' dan kollu, f' kull kaz, **ix-xiehda ta' xhud biss**, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar". (enfasi u sottolinear tal-esponent)

Illi kienet l-Ewwel Qorti stess li stqarret fis-sentenza taghha li "Ma hemmx dubbju mill-provi prodotti u l-fond Gianpula kien qed jiggenera muzika ta' volum gholi" u ghalhekk l-esponent ma jistax jifhem kif la darba l-elementi tar-reat gew ippruvati ma nsabitx htija fil-konfront tal-appellati.

F' dan il-kaz irrizulta ampjament ippruvat kemm direttament minn Pollacco, li fl-ebda hin il-Qorti ma ddikjarat li ma kienx kredibbli, kif ukoll minn residenti, anke jekk baqghu anonimi, hekk kif jidher car mill-affidavits tal-Pulizija li kienu soggetti ghal inkonvenjent sostanzjali matul il-lejl. Il-permess ghall-operazzjoni tal-istabbiliment huwa kondizzjonat illi ma jkunx hemm inkonvenjent lir-residenti u ghalhekk dan altru li rrizulta u ma kienx xi immaginazzjoni jew fissazzjoni tar-residenti.

B' decizjoni moghtija fil-hamsa (5) ta' Frar tal-elf disa' mija tmienja u disghin (1998) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Fortun Fava. Il-Qorti qalet, fost affarijiet ohra:

> "Sia ghall-finijiet tal-artikolu 338 (m) tal-Kodici Kriminali kif ukoll ghall-fini tal-artikoiu 41 (2) tal-Kap 10, l-inkonvenjent li rrid jirizulta mhux xi haga oggettivament rilevabbli bi strumenti u kalkoli tal-fizika izda ghandu jirrizulta **mid-depozizzjoni** jew depozizzjonijiet ta' min ikun qed ibaghti minn dak l-inkonvenjent" (emfasi u sottolinear tal-esponent)

Dan ghalhekk ukoll jikkonferma li d-depozizzjoni ta' persuna wahda biss hija bizzeijed sabiex l-elementi tar-reat jigu ppruvati u tinstab htija fl-appellati u ghalhekk ghandha tinsab htija fil-konfront tal-ewwel akkuza.

- It-Tieni akku±a

Illi fit-tieni lok l-appellati gew akkuzati talli ppermettew li jinkiser il-mistrieh tan-nies ai termini tal-Artikolu 338 (m) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha moghtija nhar l-10 ta' April 2014 qalet li in vista "li l-Prosekuzzjoni ressqet biss xhud wiehed li jghix Had Dingli sabiex jghid li effettivament inkisirlu l-mistrieh mhux bizzejjed ghall-ezistenza ta' din il-kontravenzjoni u ghalhekk tiddikjara wkoll li ma tirrizultax provata".

Illi l-esponent m' huwiex tal-istess fehma u dana minhabba li kif gia ntqal iktar 'il fuq "l-inkonvenjent li rrid jirrizuka ghandu jirrizulta mid-depozizzioni jew

depozizzjonijiet ta' min ikun qed ibaghti minn dak l-inkonvenjent" (enfasi u sottolinear tal-esponent)

F' dan l-isfond ghandu wkoll japplika l-principju stabbilit ai termini tal-artikolu 638 tal-Kodici Kriminali fejn allura jsegwi illi x-xhieda ta' Pollacco (galadarba misjuba kredibbli) hija bizejjed ai fini ta' htija fir-reat hawn fuq imsemmi.

Illi fl-umli fehma tal-esponent meta l-Qorti qalet "jirrizulta mid-depozizzjoni jew depozizzjonijiet" hija qed tkun ferm cara li qed tirreferi wkoll ghax-xhieda ta' persuna wahda li apparti dan mill-atti processwali jidher b' mod lampanti li l-inkonvenjent irrizulta u dan ghaliex ma kienx Patrick Pollacco biss li qajjem dan l-ilment izda hekk kif ikkonfermaw il-Pulizija fix-xhieda taghhom kien hemm varji telefonati ta' nies anonimi li kienu qed jilmentaw mill-istorbju li kellhom isofru matul il-lej1.

Illi ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, jidher car li l-Qorti tal-Magistrati ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi u li eventwalment waslitha sabiex taghmel apprezzament zbaljat tal-provi.

- It-Tielet akkuza

Illi l-appellati gew akkuzati talli ppermettew li tindaqq muzika amplifikata f'post kummercjali bl-isern ta' Marrakech li huwa parti formanti mill-istabbiliment Gianpula. L-Ewwel Qorti qalet: "hadd mix-xhieda lanqas il-pulizija stess ma semma li kien hemm muzika hierga minn stabbiliment Marrakech. Ix-xhieda kollha inkluz dak li qal Stephen Ciangura, il-Qorti ma semmewx dan il-fond."

Illi fl-affidavit tieghu PC 1520 Joseph Grech qal: "ghamilna spezzjoni lejn in-nahat tal-Virtu Rabat Malta fejn ivverifikajna li tinstema muzika qawwija wara morna fid-diskoteki ta' Gianpula u Marrakech fejn seta jinstema muzika qawwija hierga mill-istabiliment". Huwa kompla jghid illi: "Aktar tard inzilna ghal Stephen Ciangura fejn gie akkumpanjat minnha l-pulizija fuq talba ta' Matthew Degiorgio stess, mal-wasla fuq il-post tal-Virtu fejn is-seminarju, ikkonferma mill-ewwel li l-muzika hierga kienet minn Marrakech u stqarr illi huwa kapaci jgharaf il-muzika anke habba l-fatt ta' tip ta' muzika li jindaqq fl-istabbiliment."

Illi Pollacco ma kellux rwol ta' investigatur u ghalhekk ma kienx dmiru li jmur ifittex
minn fejn kien gej l-istorbju. Kien id-dmir tal-Pulizija li jaraw ezattament minn fejn gej l-inkonvenjent u ghalhekk l-esponent m' huwiex tal-istess fehma tal-Qorti meta qalet li galadarba Pollacco ma marx mal-Pulizija biex jara minn fejn kien gej l-istorbju l-elementi tar-reat ma jissussistix.

Illi l-appellati qed jigu akkuzati bi ksur tar-regolament 38 (2) (c) ta' l-Avviz Legali tas-sena 2006 li jipprovdi li "ddaqq tal-muzika b' kull mezz gewwa post kummerejali li jkun licenzjat biex idoqq muzika ampilfikata b' tali mod li jinstema' minn barra tal-post f' kull zona huwa projbit wara l-11.00 p.m., b'

eccezzjoni ghal dawk iz-zoni gewwa Bugibba, il-Qawra u Paceville, kif stabbiliti fil-Hames Skeda, fejn id-daqq ma jistax jinstema' minn barra tal-post wara s-1.00 a,m.". Id-diskoteka msemmija ghandha licenzja sabiex topera sa l-4.00 a.m. Il-hin li fih instemghet il-muzika minn barra kien ghall-habta tas-saghtejn neqsin ghoxrin ta' filghodu (01.40am). Dan ikkonfermawh PC 255 Guido Briffa u PC 1520 Joseph Grech wara telefonati anke anonimi specjalment min-naha Tal-Virtu' qrib is-Seminarju dwar muzika gholja li qed tinstema' gejja minn naha ta' Gianpula u Marrakech. Huma kkonfermaw ukoll li bdew jisimghu l-muzika u marru in-naha Tal-Virtu' sabiex jipprovaw jistabbilixxu sew mill-liema stabbiliment hierga l-muzika. Hekk kif kienu n-naha ta' Tal-Virtu' setghet tinstema' muzika cara u qawwija li kienet gejja min-naha tat-triq ta' Gianpula. Bdew isuqu bil-vettura sabiex ikunu jistghu jikkonfermaw il-muzika minn fejn kien qed jinstema', saqu lejn id-direzzjoni ta' Triq it-Tigrija lejn Gianpula u Marrakech Discotheque sitwati fi Triq il-Gianpula u iktar mal-Pulizija bdiet toqrob iktar l-istess muzika bdiet tinstema' toghla sakemm waslu sal-post ta' Gianpula u Marrakech fejn bil-kemm setghu jiftehmu bl-istorbju. Dan ghalhekk juri bic-car li l-inkonvenjent kien wiehed sostanzjali.

- Ir-Raba' akkuza

Illi l-appellati gew akkuzati li allegatament kisru disposizzjoni tal-ligi dwar il-Licenzji tal-Kummerc jew xi regolamenti maghmula tahtu. Illi l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma tistax takkuza lil xi hadd in a vacuum u dan ghaliex l-imputat irid ikun jaf ir-reat jew kontravenzjoni akkuzat bih sabiex ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.

Illi fl-umli fehma tal-esponent dan m' huwiex il-kaz u dan minhabba l-fatt li r-raba' akkuza qed tirreferi ghall-akkuzi ta' qabel u ghalhekk m' hemm xejn li jtellef lill-appellati milli jkunu jafu fuq x' hiex kienu qed jigu akkuzati.

Rat l-atti kollha tal-appell inkluz id-deposizzjoni tax-xhieda li iddeponew quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta.

Rat it-trattazzjoni tal-partijiet maghmula quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta.

Ikkunsidrat

Illi huwa indubitat mill-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija illi fil-jum indikat fl-akkuza fil-hin bikri ta' fil-ghodu kienet qed tinstema muzika gholja fl-inhawi ta' Had-Dingli, Tal-Virtu' u r-Rabat. Il-pulizija kollha involuti f'dan l-istharrig, in sewgitu ghal diversi rapporti maghmula lilhom minn nies li bdew jilmentaw minn dan l-istorbju

qawwi, irrizultalhom illi l-muzika kienet qed tigi generata mill-inhawi fejn kienet tinstab id-diskoteka ta' Gianpula. L-affidavits u x-xiehda ta' PC255 Guido Briffa, PC1520 Joseph Grech u WPS145 Graziella Camilleri fil-fatt jaghtu rendikont dettaljat tal-investigazzjoni kondotta minnhom sabiex wasslu biex jistabbilixxu l-post minn fejn din il-muzika gholja kienet hierga. Jidher fil-fatt illi huma kien accedew f' diversi stabbilimenti ta' divertiment li hemm fl-inhawi tar-Rabat u Had Dingli u anke segwew il-hoss tal-muzika bil-vettura taghhom sakemm wasslu ghal Gianpula u precisament ghad-diskoteka bl-isem Marrakech formanti parti minn dan l-istabbiliment minn fejn kienet gejja din il-muzika gholja. Irrizultalhom ukoll fil-kors tal-istharrig taghhom illi l-istabbiliment bl-isem Marrakech kien jaghmel parti minn dak ta' Gianpula tant illi huma kienu kellmu lill-appellat Matthew De Giorgio li kien il-bniedem responsabbli minn dan il-post ta' divertiment. Degiorgio sahansitra kien baghat persuna ta' fiducja impjegat mieghu sabiex jassisti lill-pulizija fir-ricerka taghhom, certu Stephen Ciangura li indikalhom, ghalkemm dan jichdu imbaghad meta jixhed quddiem l-Ewwel Qorti illi l-muzika kienet tad-diskoteka Marrakech.

Issa l-Ewwel Qorti ghaddiet biex illiberat lill-appellati mill-akkuzi kollha dedotti kontra taghhom ghal diversi ragunijiet u cioe' fl-ewwel lok ghaliex ma saritx il-prova li l-istorbju li kien qed jigi iggenerat kien qed idejjaq lill-girien tal-akwati u dan meta tressaq xhud wiehed biss certu Patrick Pollacco li lanqas ma kien kapaci jindika il-post minn fejn kienet gejja din il-muzika, illi ma giex ippruvat illi l-fond Marrakech jaghmel parti mill-istabbiliment ta' Gianpula u ghalhekk jaqa' fir-responsabbilita tal-appellati. Dan ghalkemm ghall-Ewwel Qorti kien indubitat illi l-istabbiliment Gianpula kien qed jiggenera muzika gholja. Mhux biss izda stqarret illi ma kienx bizzejjed ghal Prosekuzzjoni li tressaq xhud wiehed biss sabiex tigi ppruvata il-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali billi allura it-test oggettiv dwar l-inkonvenjent ma sarx. Fir-rigward tar-raba' akkuza qieset l-Ewwel Qorti illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tipprova liema disposizzjoni dwar il-ksur tal-licenzji tal-Kummerc kien qed jigi vjolat mill-appellati.

Issa din il-Qorti kellha okkazzjoni tisma' x-xhieda jiddeponu mill-gdid quddiemha. Dawn ix-xhieda essenzjalment jaghtu l-istess stampa li inghatat quddiem l-Ewwel Qorti minn fejn jirrizulta illi l-appellati huma id-diretturi tas-socjeta Elvaston

Company Limited filwaqt li Roger Degiorgio huwa l-persuna li f'ismu tinstab il-licenjza tal-istabbiliment bl-isem Gianpula, u l-appellat Matthew Degiorgio kien fil-jum indikat fl-akkuza regsitrat bhala *substitute licensee*. L-istabbiliment kellu il-permess jibqa' miftuh u jopera sal-erbgha ta' fil-ghodu. B'dan ma ifissirx madanakollu illi kien hemm xi licenjza li setghet tindaqq xi muzika amplifikata b'mod li idejjaq il-girien jew li jinholoq inkonvenjent minhabba f'hekk.

Illi ghalkemm fiż-żmien mertu tal-każ u ukoll fiz-zmien meta giet moghtija s-sentenza mill-Ewwel Qorti, kienu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Avviz Legali 1/2006 bit-tielet imputazzjoni allura taqa' taht ir-regolament 38(2)(c)(d) ta' din il-legislazzjoni sussidjarja, uhud minn dawn ir-regolamenti gew ittrasportati fl-Avviż Legali 420/2016 kif emendat bl-Avvizi Legali 117/2017 u 213/2018 u cioe' fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07[1], b'dawk manadankollu li kienu jirregolaw il-hinijiet tal-ftuh tan-negozji llum jaghmlu parti minn legislazzjoni sussidjarja gdida introdotta bl-Avviz Legali 6 tal-2017, u allura ir-regolament 6 tal-Legislazzjoni sussidjarja 441.08 li jirriproduci kelma b'kelma r-regolament l-antik. Illi allura illum it-tielet imputazzjoni taqa' sewwasew fir-regolament 6(4)(c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.08 li jiddisponi testwalment hekk:

> **bla ħsara għall-paragrafu (b), id-daqq ta' mużika b'kull mezz ġewwa post kummerċjali li jkun liċenzjat biex idoqq mużika amplifikata b'tali mod li jinstema' minn barra tal-post f'kull żona huwa projbit wara l-11.00 p.m. u bejn is-1.00 p.m u l-4.00 p.m"**

Dan necessarjament ifisser allura illi ghalkemm l-fond licenjzat f'isem l-appellati De Giorgio kellu permess biex jibqa' miftuh sal-4 ta' fil-ghodu, madanakollu d-daqq tal-muzika ma setax ikun tali illi jinstema minn barra wara l-hdax ta' bil-lejl. Dan apparti il-fatt illi ma jidhirx lanqas illi l-istabbiliment kellhom permess sabiex idoqqu il-muzika amplifikata.

Mhux biss izda sahanistra il-licenzja stess esebita a fol.52 tal-process kienet soggetta ghal kundizzjoni illi fil-gestjoni tal-attivita kummercjali li qed tigi licenjzata ma jistax jigi ikkagunat ebda inkonvenjent lill-girien u dan in ottemperanza ma' dak li

[1] Regolamenti dwar il-liċenzi tal-Kummerċ.

tiddisponi l-ligi stess tant hu hekk li fis-sub-inciz (d) tal-istess regolament 6 tal-L.S.441.08, gja regolament 32 tal-legislazzjoni Sussidjarja 441.07 indikat fl-akkuza:

> **l-operat ta' post kummercjali licenzat biex jiftah ghall-kummerc mis-1.00 a.m. sa l-4.00 a.m. ma ghandux matul dawk is-sighat johloq fastidju jew inkonvenjenza lill-vicini b'xi xorta ta'hoss li jinstema' minn barra l-post jew b'xi mezz maghmul minn gewwa jew min barra tal-post.**

Issa huwa indubitat illi il-hoss iggenerat mill-istabbiliment ta' Gianpula li fih hemm id-diskoteka bl-isem Marrakech, fil-jum indikat fl-akkuza certament kien qed idoqq muzika li kienet qed tinstema minn barra. Ta' dan hemm xhieda il-pulizija kollha involuti fl-investigazzjoni ta' diversi ilmenti li kienu qed jircevu f'dak il-lejl minn nies residenti fl-akwati fosthom Patrick Pollacco li kien jabita Had Dingli. Mhux biss il-muzika kienet qed tinstema minn barra izda addirittura kienet qed tinstema miz-zoni kollha tal-madwar (*neighbouring areas*) fosthom Tal-Virtu, ir-Rabat u Had Dingli.

Illi allura din il-Qorti ma tistax tikkondividi il-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti illi ma hemmx provi illi l-hoss li kien qed jigi iggenerat kien qed idejjaq lill-girien u in-nies li jabitaw fl-akwati. Dan ikkonfermat mhux biss minn Patrick Pollacco izda mill-pulizija li ighidu li ircevew rapporti ohra ta' nies ohra li xtaqu jibqghu anonimi. Ma kienx hemm il-htiega illi dawn in-nies johorgu minn djarhom fil-hinijiet bekrin ta' fil-ghodu sabiex ighinu lill-pulizija fl-istharrig taghhom. Il-pulizija ghamlet l-investigazzjoni taghha b'mod metikoluz tant illi wasslet biex teskludi illi l-muzika kienet qed tigi iggenerata minn xi stabbiliment iehor fil-vicin billi mhux biss investigat swali tat-tigijiet, diskoteki u postijiet tad-divertiment fl-istess akwata, izda ukoll fil-presenza ta' Stephen Ciangura, impjegat mal-appellati, segwiet bil-vettura il-post minn fejn kienet gejja din il-muzika gholja. Tghid hekk WPS 145 Graziella Zammit fix-xiehda taghha quddiem din il-Qorti:

> "Il-volum aktar bdiet tizdied aktar ma bdejna noqorbu, jigifieri aktar ma bdjena noqorbu lejn l-istabbiliment aktar il-volum beda jghola."

Fil-fatt jidher illi meta marru fuq il-post u bdew ikellum lill-appellat Matthew Degiorgio bil-kemm setghu jinftiehmu mieghu minhabba l-volum gholi tal-muzika. Tkompli tghid hekk fil-fatt ix-xhud fuq dak li irrizultalhom waqt din l-investigazzjoni meta bdew iduru mal-madwar biex jindagaw minn fejn kien gej l-istorbju:

"Imma tal-Virtu veru instema car, jigifieri qisna qeghdin fuq xi bejt tal-istess stabbiliment, ..... imma litteralment qisna qeghdin go disco."

Zgur li l-Prosekuzzjoni ma kellha ghalfejn iggib l-ebda gar iehor biex jispjega illi l-muzika tant kienet gholja li kienet qed tiggenera storbju sal-lokalita f'Tal-Virtu, ir-Rabat u dan wara is-siegha ta' fil-ghodu, fil-hin meta n-nies ikunu qeghdin generalment reqdin. Tghid din ix-xhud li l-ilmenti baghqu dehlin l-ghassa sal-erbgha ta' fil-ghodu, x'aktarx meta imbaghad id-diskoteka ghalqet.

Illi allura huwa indubitat mhux biss illi kienet qed tindaqq muzika mill-istabbiliment ta' Gianpula u precisament mid-diskoteka imsejjha Marrakech wara l-hdax ta' fil-ghaxija, kif gie stabbilit mill-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet, b'dan illi l-muzika kienet tinstema minn barra, izda il-volum tant kien gholi li kien qed jinstema' mill-lokalitajiet tal-vicin tant illi kien qed johloq inkonvenjent. Xhieda ta' dan hemm mhux biss Patrick Pollacco li ighid li ma setax jistrieh, izda id-diversi ilmenti li l-pulizija jikkonfermaw li bdew jircevu f'dik il-lejla. Mill-invetsigazzjonijiet tal-pulizija, li kif diga inghad jidher li saret bir-reqqa, ma jidhirx illi kien hemm xi stabbiliment iehor li kien qed jiggenera dik il-muzika gholja.

Illi l-artikolu 41(2)(a)(b) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi similment illi

**Ħadd ma jista'**

**(a) Fi triq, f'ħanut, jew f'post pubbliku ieħor; jew**

**(b) F'kull bini ieħor,**

**Billi jħaddem jew iġiegħel jew iħalli lil min iħaddem loud speaker, gramafon, amplifikatur jew strument bħal dawn, jagħmel inkella jġiegħel jew iħalli li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqgħodu f'bini fil-qrib.**

Issa ghalkemm kif jikkontendu l-appellati id-diskoteka f'Gianpula hija mdawwra bl-ghelieqi, madanakollu lanqas ma jsita' jingahd li ma hemmx bini fil-qrib. Il-ligi ma timponi l-ebda distanza u allura r-residenzi tar-Rabat u tal-Virtu' u il-lokalitajiet tal-madwar huma kollha fil-qrib ta' dan l-istabbiliment. Illi allura anke il-kontravvenzjoni ravvizzata fl-artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali tirrizulta ukoll ippruvata gjaldarba gie stabbilit b'mod oggettiv mill-pulizija illil-muzika kienet qed tinstema' sewwa fil-lokalitajiet tal-madwar fil-hinijiet bekrin ta' fil-ghodu u cioe' f'dawk il-hinijiet ta' bil-lejl riservat ghal mistrieh.

Illi finalment ghalkemm l-ahhar akkuza hija redatta b'mod generiku, u allura hija dik li taqa' taht l-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa minn dan l-Att, u precisament l-artikoli 18 u 20 minn fejn johrog ir-reat tant hu hekk illi l-ksur tar-regolamenti huwa punibbli fit-termini ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi kif mahsub fir-regolament 48 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07, gja regolament 53 tal-Avviz Legali 1/2006.

Maghmula dawn il-konsiderazzjoniet, allura din il-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti u ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jisthoqqlu akkoljiment.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat Generali, tghaddi ghalhekk biex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li rat ir-Regolament 6(4)(c)(d) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.08, gja 38(2)(c)(d) tal-Avviz Legali 01/2006, l-artikolu 41(2)(a)(b) tal-Kapitlu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 18 u 20 tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, issib lill-appellati hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom u tikkundannhom kull wiehed ammenda ta' mija u ghoxrin (€120) ewro.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur